# "Benedittu XVI - L-ewwel Papa teologu"

John Berry – Università ta' Malta[1]

Benedittu XVI hu meqjus bhala l-ewwel teologu akkademiku li qiegħed fiz-zarbuna ta' Pietru bl-istess mod li Gwanni Pawlu II kien l-ewwel filosfu professjonali li serva qablu. Kif jixhed hu stess, sa minn zghozitu dejjem kien motivat bi kliem San Pietru li jkun dejjem lest biex jaghti twegiba lil kull min jitolbu il-ghala tat-tama li ghandu (1 Pt 3,5). Hajjet u xoghol il-Papa Benedittu huma mmarkati mill-istudju, taghlim, kitba, u talb. Kif jishaq hu stess, it-teologija mhiex xi ezercizzju mentali izda tfittxija personali ghall-verità. B'konvinzjoni huwa juri effikacjament il-veritajiet tal-fidi nisranija b'mod li jinftiehem u accettabbli ghan-nies tal-lum. In-nisga tal-hsieb teologiku tieghu hi kumplimentata minn zewg aspetti. Fi hsiebu ghandu dejjem l-urgenza li jinzel fil-fond tal-gheruq tal-Kristjanezmu filwaqt ukoll li jaghmel sens mid-dinja li fiha l-fidi kienet imxandra kif hekk inhi llum ukoll. B'attenzjoni lejn l-Iskrittura u lit-Tradizzjoni Kattolika, mohhu hu biex fi kliem Romano Guardini "jgib il-verità ghad-dawl".

Id-dinja hi ghalih bhal sagrament jew ahjar sinjal car tar-realtà mohbija ta' l-imhabba ta' Alla. Il-bniedem jista' jsib il-milja tieghu nnifsu u jkun kuntent meta jaghraf il-primat ta' Alla fil-hajja tieghu u tad-dinja. Dan anke jidher car fl-istess enciklici tieghu *Deus caritas est* (2005), *Spe salvi* (2007), u *Caritas in veritate* (2009). Is-sors u l-ghajn ta' kull hajja, jsostni Benedittu, hu Alla nnifsu - tjubija ahharija, sbuhija u verità. Xi kritici fil-fatt isostnu li l-aktar karatteristika li tohrog bil-qawwa f'dawn il-hames snin ta' pontifikat, izda anke f'kitbiet precedenti, hi l-prijorità li Alla jkun maghruf u mahbub. Wara kollox, kif jinsab fl-Iskrittura stess, Alla nnifsu hu l-gherf u l-imhabba perfetta. Ghal Benedittu, sa minn meta kien ghalliem f'diversi universtitajiet u wisq izjed issa bhala Papa, li wiehed jaghraf u jhobb 'l Alla hi l-isbah u l-aqwa risposta ghall-krizi li ghaddejja minnha kemm il-Knisja u kemm id-dinja fil-prezent. Mill-banda l-ohra, hu konxju li permezz ta' l-inkarnazzjoni hu Alla li jhobb b'mod aktar profond lil kull persuna anke lil dawk li ma jhobbuhx, ma jemmnux fih jew lanqas biss jafu bih.

Dwar l-essenza tar-religjon hu jghid li din mhix hlief relazzjoni tal-bniedem 'l hinn minnu nnifsu ma' dik ir-realtà mohbija li bil-fidi nsejhulha Alla. Fil-fatt, l-isfidi godda tal-fidi huma kostantement prezenti fil-kitbiet tieghu. In-"nuqqas ta' Alla", inkurunat bis-sekularizmu u d-dittatorjat tar-relattivizmu, jista' jingieb fix-xejn bil-"prezenza ta' Alla". Mod kif dan jista' jsir hu certament l-istudju, l-hajja, c-celebrazzjoni u l-imhabba ghall-Kelma ta' Alla fi hdan il-Knisja (li minnha u fiha twieldet l-iskrittura). Konxju mit-tluq progressiv ta' xi uhud fil-hajja tal-lum minn Alla, mit-traxxendenti u mis-sagru, Benedittu juri r-rieda u l-kapacità li "jikkoregi" movimenti differenti ta' hsieb. Bhall-predecessur tieghu, hu ukoll jikxef l-izballji li ideologiji, bhalma huma s-Socjalizmu Nazzjonali, l-Faxxizmu u l-Komunizmu, wettqu fil-kors ta' l-istorja tal-bniedem - hruxijiet kontra l-bniedem li d-dinja qatt ma rat qabel.

---

[1] *Lehen is-Sewwa* 17.04.2010.

Nistghu nitkellmu minn tliet sfidi li fihom kien involut dan it-teologu: (1) kontra t-teologija tal-liberazzjoni fejn emfasizza li l-"helsien" nisrani jisboq "il-liberazzjoni" Marxista, (2) kontra r-relativizzmu fejn emfasizza li (Kristu) "l-verità tezisti" kontra l-ghajta li "m'hemm l-ebda verità" u (3) kontra d-deformazzjoni tal-liturgija fejn jirrikorri ghall-hsieb "veru" tal-Koncilju li "jfejjaq il-modernità".

Hu jitkellem mill-"bzonn" li d-dinja sekulari tkun "purifikata" u "mfejjqa". Jirreferi spiss ghall-esperjenza ta' Santu Wistin, u jzid jghid li "minghajr konverzjoni hadd ma jasal ghand il-Mulej. Dan jghodd ghall-individwu u ghall-kultura umana ukoll ..." L-unika fundament sod ghal socjetà gusta, ikompli Benedittu, hi din il-priorità li Alla jkun maghruf u mahbub. Dan hu xoghol il-Knisja li fid-dawl ta' Kristu ghandha tkun sinjal ghad-dinja. Benedittu jippreferi jizvolgi teologija ewkaristika li tinftiehem fid-dawl tal-hajja tal-Knisja, l-Inkarnazzjoni u Alla Trinità. B'dan il-mod, hu jitkellem minn teologija dwar il-Knisja li hi fl-istess waqt ewkaristika, inkarnazzjonali u trinitarja. Ispirat mis-Santi Padri, hassieba ortodossi u fuq kollox it-teologu franciz Henri de Lubac, Benedittu jara l-knisja bhala t-"Trinità niezla ghall-bniedem fl-ewkaristija".

Madankollu, 'l boghod minn kull teorija, hu jhobb jiddeskrivi l-Knisja mhux semplicement bhala xi memorja jew kuxjenza kollettiva, izda "ahna li nemmnu" f'Alla ta' Gesù Kristu. Hi ghalhekk quddiem ghajnejh bhala komunità ewkaristika. Fundamentali ghalih hi certament l-qima liturgika li ghandha l-kapacità li tghin lil bniedem mhux biss jinfetah ghal Alla u japprezza l-misteri nsara izda ukoll jibni socjetà b'valuri umani u gusti. Interessantissmu per ezempju huwa l-ktieb bit-titlu bhal dak ta' Guardini: "*L-Ispirtu tal-Liturgija*". L-intenzjoni ta' l-awtur mhux semplicement li jaghti storja jew jiccara idejat bhall-"partecipazzjoni attiva", izda li jaghti orjentazzjoni gdida lejn Alla, l-iktar lill-kultura umana. Dan ukoll jidher car sa mill-ewwel omeliji tieghu bhala Papa, fiz-zewg kotba tieghu dwar Gesu ta' Nazaret u kitbiet ohra spiritwali, fejn Benedittu jheggeg lil kulhadd, fil-Knisja u 'l barra minnha, biex "ifittxu 'l wicc ta' Alla" u sabiex jinghaqdu mieghu f'mixja lejn id-dar eterna tal-Missier.

Dwar it-teologija ta' Benedittu b'mod generali nistghu nsemmu tliet punti principali. L-ewwel li kulma ppubblika dejjem inkiteb fid-dawl tar-raguni u r-Rivelazzjoni. Ghalih dawn it-tnejn huma fundamentali u kumplimentari. Filwaqt li jistrieh fuq il-kontenut ta' l-Iskrittura u t-Tradizzjoni hu nteressat jistaqsi mistoqsijiet artikolati mis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum. It-tieni punt hu li t-teologija ghalih hi kkaratterizzata mill-attenzjoni ghar-risposti moghtija fil-kors ta' l-istorja minn hassieba kbar fosthom teologi. Jitfghu dawl b'mod partikolari ndividwi li "jisimghu l-kuxjenza taghhom" u li jqeghdu t-tajjeb u d-dritt qabel "il-qbil ta' kulhadd". Jirreferi fuq kollox ghal nies bhal Thomas More, John Henry Newman, u anke l-Protestant Dietrich Bonhoeffer. Fl-ahharnett u forsi l-aktar importanti hi c-centralità ta' Kristu fit-teologija u fil-hajja. Ghal Benedittu, m'hemm xejn aktar car mill-missjoni li l-Knisja, kif ukoll it-teologija, ghandha tisma', tinterpreta u tghaddi l-verità kif Alla jirrivela lilu nnifsu f'Gesù Kristu. Jinteressah li persuna temmen mhux biss bil-hsieb izda bil-konvinzjoni.